MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2013

Numru. 148/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs.**

**Ornella Estelle Bruni**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata **Ornella Estelle Bruni** ta’ tmintax (18) il-sena, bint Maxime u Isabelle neé Fabre, imwielda Franza nhar it-23 ta’ Marzu 1995, residenti 24, Marshall Court, Gzira u detentrici tal-Passaport Franciz Numru 09AK53152, akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fl-24 ta’ Marzu 2013 u fil-jiem ta’qabel din id-data:

1. kellha fil-pussess taghha l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.
Rat l-ordni tal-Avukat Generali tal-24 ta’ Marzu 2013 ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghta zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha u l-fedina penali taghha, li hija wahda nadifa.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. “A” taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------